DOKUMENTI DWAR IL-QAWMA TAL-MALTIN KONTRA L-FRANCIZI

IL-MANUSKRITTI TA' LORD LYNEDOCH

KIF kont wegħidtkom żmien ilu, ser nibda nippubblika fuq il-"Leħen" l-aktar dokumenti interessanti dwar il-Qawma tal-Maltin kontra l-Franċiżi (1798-1800) minn fost l-ittri u manuskritti li darba kienu jappartjenu lill-General T. Graham, u li l-lum jinsabu fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' l-Iskozja. Il-General Graham wara l-gwerra ta' Napuljun kien kie mlaħħaq Lord Lynedoch u għalhekk il-lum il-manuskritti tiegħu jissejħu "The Lynedoch Papers".

Minn Dun Renat Cirillo

Kif kelli okkażjoni ngħid darb'oħra, jien ġejt infurmat minn Mr. R. Dobie, il-Bibljotekarju, li dawn id-dokumenti għadhom qatt ma ġew ippubblikati. Biex inkun nista' nippubblikahom fuq il-*Leħen* kelli naqla' l-permess ta' Mr. A. Maxtone Graham, dixxendent tal-Ġeneral, li mhux biss tani l-permess meħtieġ, iżda offrieli wkoll mapep ta' Malta ta' żmien ir-Rewixta. Naturalment, mhux possibbli għalija li nippubblika d-dokumenti *kollha*, anki mħabba l-fatt li mhux kollha huma ta' interess speċjali. Minn x'uħud mid-dokumenti għażilt biss l-aktar punti essenzjali u ħallejt għal kollox dawk id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' Messina, fejn Ġeneral Graham kien stazzjonat qabel ma ġie Malta.

Ma hemmx għalfejn ingħid li ma kienx beħsiebni f'dawn l-artikoli nikteb il-ġrajja glorjuża ta' dak iż-żmien. Iżda ser nipprova kemm nista' norbot dokument ma' ieħor u nagħmel xi kommenti. Għalkemm ninteressa ruħi ħafna fl-Istorja ta' Pajjiżna, ma nqis ruħi bl-ebda mod espert fiha, u għalhekk nieħu pjaċir jekk xi ħadd intiż fl-istorja ta' dan il-perijodu, jikkoreġi xi isem li jien bi żball ikkupjajt ħażin.

X'inhi l-importanza ta' dawn id-dokumenti? L-importanza tagħhom qiegħda fil-fatt li tista' tgħid huma kollha ittri privati jew dokumenti segrieti, li mħabba n-natura tagħhom, fihom element kbir ta' sinċerità u li jistgħu jwaddbu dawl ġdid fuq perijodu hekk importanti ta' l-istorja ta' Malta.

U hekk bla telf ta' żmien nibdew nistħarrġu d-dokumenti.

L-ISQALLIN MA JIBGHATUX QAMH LIL MALTA

L-ewwel dokument iġib id-data tat-28 ta' Frar 1799 u huwa biċċa minn ittra iffirmata minn Sir W. Hamilton (ir-raġel tal-famuża Lady Emma) li kien f'dak iż-żmien Ambaxxatur ta' l-Ingilterra fil-Qorti tar-Re ta' Napli. Fih insibu dawn il-kelmiet: "Malta milli jidher mhix beħsiebha ċċedi għal issa... Huwa tassew provokanti li waqt li l-Gran Britannja qiegħda tagħmel minn kollox biex tgħin lill-allejati, dawn għall-kuntrarju ma jridu jagħmlu xejn għalihom infushom. Is-Sqallija tinsab mimlija qamħ waqt li bilkemm iridu jibagħtu biċċa ħobż lill-qalbiena xewwiexa Maltin li qed jiġġieldu għall-Maestà Tiegħu r-Re ta' Sqallija."

F'ittra oħra bl-istess data l-Ġeneral Graham juri t-tħassib tiegħu dwar Sqallija u jfisser il-fehma tiegħu li jekk Sqallija tiġi mirbuħa, Malta jkollha ċċedi u r-rebħiet ta' Nelson ikunu spiċċaw fix-xejn.

Wara dawn iż-żewġ ittri, insibu waħda li waħedha tifforma paġna mill-aktar glorjuża ta' pajjiżna.

L-EROJIŻMU TA' MISSERIJIETNA

Mr. Charles Lock, taħt id-data tal-5 ta' Settembru (kważi sena wara li bdiet il-Qawma) jagħti lill-Ġeneral Graham, li f'dak iż-żmien kien għadu kurunell, rapport dwar żjara li kien għamel lil Malta:

"Għażiż Sinjur,

Qed nerġa' lura lejn Palermu wara li żort din il-gżira; iżda m'inhix diżappuntat għax qatt ma għaddieli minn moħħi li Valletta kienet ser iċċedi għad-dehra tar-rinforzi ta' vapuri li l-Ammirall Nizza ġieb biex igħin fl-imblokk. Il-Markiż insista ma' Lord Nelson biex jiġi msaħħaħ billi jiġu mibgħuta lilu t-truppi li jinġabru taħt il-kmand tiegħek f'Messina, iżda Nelson qallu li ma kellux is-setgħa li jagħmel dan. Jien nimmaġina (li inti taf kif inhi s-sitwazzjoni f'Malta): gwarniġġjon ta' erbat elef ruħ (il-gwarniġġjon tal-Franċiżi) f'fortizza li s'issa għadha qatt ma ġiet mirbuħa, b'qamħ għal 10 xhur, ilma bl-abbundanza, ħut maqbud fil-port stess, waqt li huma imblukkati (għax ma jistgħux jissejħu assedjati) minn elfejn u ħames mitt Malti, nofshom għeriewen, nofshom armati u kważi bil-ġuħ, li jridu jwettqu l-attakki tagħhom l-aktar permezz ta' żewġ kanuni Lixandrini li jinsabu xi 500 jarda 'l bogħod mill-fortizza tal-Furjana. Dawn huma l-akbar armi li għandhom. Huma waqqfu wkoll xi tlieta jew erba' fortifikazzjonijiet oħra b'kanuni żgħar. Kieku kienu jistgħu jużaw dawn il-kanuni, kieku kien ikun dejjem xi ħaġa. (Iżda) f'dawn l-aħħar xhur, imħabba n-nuqqas ta' porvli, bilkemm sparaw tir wieħed, u bħal issa ma għandhomx aktar minn sitt *rounds* f'kull fortifikazzjoni u kartell porvli. Ma għandhomx aktar minn 1500 azzarin nofshom huma hekk żmanġati illi l[illegible] peri[illegible] [illegible] tużahom, kieku kellhom iż-żnied, li ma għandhomx.

...L-abitanti taw flushom kollha biex igħinu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda għall-libertajiet tagħhom; għandhom tlitt ijiem qamħ għall-manteniment ta' 80,000 ruħ. Għalxejn offrew l-għelieqi tal-Knisja biex ikollhom aktar qamħ ħalli ma jmutux bil-ġuħ. Il-Kapt. Ball assigurani li l-aħħar epidemja li kienet kawża tal-mewt ta' 10,000 ruħ oriġinat ħtija l-aktar tal-ftit ikel li hemm u dan ta' kwalità ħażina. Mhux żgur li l-gwarniġġjon Franċiż mhux sejjer iċedi l-armi lil dawn l-egħdewwa bla saħħa... Naħseb li ma tiflaħx iż-żomm bid-daħk. Kull attentat fuq il-post bil-baħar hu meqjus li mhux prattikabbli billi l-isforzi perseveranti tal-vapuri li qegħdin stazzjonati fil-kanal u fl-inħawi tal-Gżejjer, ma rnexxielhomx iwaqqfu lill-għadu milli jirċievi provvisti, għallinqas darba kull xahrejn sa minn mindu beda l-Imblokk."

Il-kumplament ta' din l-ittra għal darb'oħra.

(Id-drittijiet ta' l-Istampa huma miżmuma.)

GRAZZJI MAQLUGHA

N.N. (Floriana) tirringrazzja 'l Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' San Ġużepp. Toffri £1. 10s. għat-tfal ta' l-Istitut.

N.N. (Mosta) tirringrazzja 'l Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Santa Maria Goretti. Toffri 2s. 6d. għall-ġurnal.

N.N. tirringrazzja 'l Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Karmnu.